

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1961****tal-5 ta' Awwissu 2021****li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex iqis l-evoluzzjoni tal-massa tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fl-2017, l-2018 u l-2019****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jstabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Jenħtieġ li l-valur M<sub>0</sub> għas-snin 2022, 2023 u 2024 imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 14(1) jiġi stabbilit abbażi tal-massa medja fi stat operattiv tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri kollha rreġistrati fl-Unjoni fl-2017, 2018 u 2019.
- (2) Abbażi tal-valuri speċifikati fid-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/582 <sup>(2)</sup>, (UE) 2020/1035 <sup>(3)</sup> u (UE) 2021/973 <sup>(4)</sup>, ponderati skont l-għadd ta' reġistrazzjonijiet ġodda f'kull waħda minn dawk is-snin, il-massa medja fi stat operattiv ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri rreġistrati fis-snin kalendarji 2017, 2018 u 2019 kienet ta' 1 398,50 kg.
- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-miri ta' emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri, għas-snin kalendarji 2022, 2023 u 2024 jiġu kkalkulati f'konformità mal-formula stabbilita fil-punt 4 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631, li juża l-valur 1 398,50 tal-M<sub>0</sub>.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/631 jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*Fil-punt 4 tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631, l-entrata M<sub>0</sub> hija sostitwita b'dan li ġej:"M<sub>0</sub> hija 1 379,88 fl-2021 u 1 398,50 fl-2022, 2023 u 2024".<sup>(1)</sup> ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13.<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/582 tat-3 ta' April 2019 li tikkonferma jew temenda l-kalkolu proviżorju tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> u l-miri tal-emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi ta' vetturi kummerċjali ħfief ġodda għas-sena kalendarja 2017 u għall-konsorzju Volkswagen inkluż il-membri tiegħu għas-snin kalendarji 2014, 2015 u 2016 skont ir-Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 100, 11.4.2019, p. 47).<sup>(3)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1035 tat-3 ta' Ġunju 2020 li tikkonferma jew temenda l-kalkolu proviżorju tal-emissjonijiet speċifiċi medji tas-CO<sub>2</sub> u l-miri ta' emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief għas-sena kalendarja 2018 skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 227, 16.7.2020, p. 37).<sup>(4)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/973 tal-1 ta' Ġunju 2021 li tikkonferma jew temenda l-kalkolu proviżorju tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> u l-miri tal-emissjonijiet speċifiċi għall-manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief għas-sena kalendarja 2019 u, għall-manifattur Dr. Ing. h.c. F. Porsche AG u l-konsorzju tal-Volkswagen, għas-snin kalendarji mill-2014 sal-2018 skont ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 215, 17.6.2020, p. 1).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Awwissu 2021.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---